MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 18/2004

**Grezzju Vella**

**vs**

**Michel Farrugia**
**u**
**b'digriet tat-18 ta' Mejju 2004 gie nominat Dr. Anton Refalo bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Michel Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi permezz ta' skrittura tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003) il-konvenut iddikjara ruhu veru cert u likwidu debitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000), liema somma giet lilu mislufa permezz ta' l-istess skrittura. Dan l-ammont kellu jigi restitwit lill-attur fi zmien sena mid-ata ta' l-iskrittura (Dok. A).

Illi l-konvenut naqas milli jaghmel kwalsiasi pagament minn dan l-ammont u dan minkejja li ghadda t-terminu ta' sena miftiehem bejn il-partijiet.

Illi ghalkemm mitlub diversi drabi l-konvenut baqa' ma hallas xejn mill-ammont dovut.

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob il-hlas ta' l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1000) flimkien ma' l-imghax dovut, u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri kompriza l-ittra nterpellatorja tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003).

Ra r-risposta:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut peress illi l-konvenut qatt ma sarraf ic-cheque li nghata mill-attur ghax l-istess cheque gie misruq mill-karozza tal-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi mhux ikkontestat li sar is-self imsemmi fl-avviz tat-talba.

Il-konvenut pero' jallega li c-cekk rapprezentanti s-somma lilu mislufa mill-attur insteraqlu mill-karozza flimkien ma' oggetti ohra u ssarraf minn terz injot. Din l-allegazzjoni pero' hija smentita mill-provi akkwiziti: Jirrizulta mill-provi li l-konvenut ghamel rapport rigward l-imsemmija serqa fl-ghassa tal-pulizija fit-23 ta' Marzu 2003, filwaqt li c-cekk issarraf fit-28 ta' Jannar 2003 (fol 8) u cioe'qabel is-serqa allegata. Fir-rapport li ghamel dwar l-imsemmija serqa, ma kienx hemm inkluz li nsteraqlu cheque. Rapprezentant tal-APS Bank xehdet li meta ssarraf ic-cheque, intalbet il-karta tal-identita', tqabbel ir-ritratt mal-persuna, u tnizzel

in-numru tieghu. In-numru huwa dak tal-konvenut. Kjarament, dak li xehed il-konvenut, bil-gurament, ma jikkorrispondix mal-verita' u ghalhekk id-difiza tieghu qieghda tigi skartata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta'u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' elf lira Maltija (Lm1000) ammont lilu misluf, bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta lill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------